# M I N U T I

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 35**

24 ta' Lulju 2017

Il-Kunsill Lokali Floriana ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 15 Pjazza Emanuel S Tonna, il-Furjana, fis-2:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH ) | Sindku |
| Is-Sur Vince Borg | ( VB ) | V/Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Grech Sant | (AGS) | Kunsillier |

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI :-

M' Lourdes Lautier — Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku Davina Sammut Hili presediet il-laqgħa.

## 35.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI;

35.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 35.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

35.2.1. Is-Sindku DSH ressqet il-minuti tal-erbgħa u tletin (34) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

35.2.1.1. Il-Viċi Sindku VB ressaq mozzjoni issekondata mill-Kunsillier AD favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 5 (VB, AD, AGS, JAE, DSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

35.2.2. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 34.2.4 rigward il-proġett ta' Taħt il-Forka u staqsa jekk kienitx ġiet fissata laqgħa mal-Ministru Farrugia. Is-Sindku DSH qalet li l-Kunsill għandu jingħata appuntament għal laqgħa f'qasir żmien. Il-Kunsillier JAE talab li l-kunsilliera jkunu nfurmati ftit qabel sabiex jilħqu jsiru l-preparamenti neċessarji.

35.2.3. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 34.15.13 rigward iż-żabra fi Triq Sant'Anna u qal li din għadha ma saritx. Is-Sindku DSH qalet li z-żabra kienet intalbet u għandha terġa' ssir talba oħra lill-ELC sabiex ix-xogħol isir immedjatament.

35.2.4. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 34.4.1 rigward it-talba ta' Sons of Archery. Is-SE informat li kienet għadha qed tikkomunika mal-Lands Department u għandha tinforma lill-Kunsill appena jkun hemm xi żvilupp rigward din il-materja.

35.2.5. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 35.13 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp rigward il-funtani. Is-Sindku DSH informat li l-funtana tal-KGV kienet imtliet bil-ħamrija u l-Kunsill kien qed jistenna li issa jinżergħu il-pjanti. Is-Sindku żiedet tgħid li l-funtana l-oħra kienet għadha ma mtlietx minħabba li kien hemm miskomunikazzjoni mal-kuntrattur li għamel l-ewwel funtana u għalhekk kienu qed jerġgħu jintalbu l-kwotazzjonijiet.

35.2.6. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 34.5.3 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp rigward il-fondi allokati għall-bandli. Is-Sindku qalet li kienet intbagħtet korrispondenza fejn ġie ikkonfermat l-ammont allokat u qalet ukoll li kienet ser tinżamm laqgħa mal-Perit sabiex jiġi diskuss x'jista' jsir.

**Nota: Il-laqgħa tal-Kunsill ġiet sospiża sakemm ingħaqdet mal-mejda tal-Kunsill l-Accountant tal-Kunsill.**

**Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li jiddiskuti l-materja nru 35.4 – Rapporti.**

## 35.4 RAPPORTI

35.4.1 Is-Sindku DSH ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-rapport tat-tieni kwart li gie approvat b'mod unanimu.

## 35.3 KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU

### 35.3.1. URBAN IMPROVEMENT FUNDS

Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li kienet irċeviet korrispondenza rigward dawn il-fondi fejn ġie ikkonfermat li issa l-fondi kienu jammontaw għal €282,454.41. Is-Sindku qalet li kienet issejħet laqgħa mal-Perit li ser tinżamm nhar it-Tnejn 31 ta' Lulju fl-10.30am u stiednet lil kunsillieri interessati sabiex jattendu.

### 35.3.2. STEDINA MIL-COMUNE DI MACERATA

Is-Sindku DSH informat li l-Kunsill kien irċieva stedina mil-Comune di Macerata għal erbgħa rappreżentanti tal-Kunsill fl-aħħar t'Awwissu. Hija tat rendikont tal-programm li ġie suġġerit għal matul din l-istedina. Il-Kunsill qabel li l-membri li għandhom jattendu ser ikunu is-Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv, il-Viċi Sindku VB u membru mis-sottokumitat għal ġemellaġġi.

### 35.3.3. KORRISPONDENZA MINGĦAND ID-DIRETTUR TAL-KUMMERĊ U INDUSTRIJI ŻGĦAR – CHRISTMAS VILLAGE

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand id-Direttur tal-Kummerċ u industriji żgħar li kiteb għan-nom ta' Justin Haber li talab li jiġi organizzat Christmas Village fuq il-Fosos. Il-Kunsill qabel li għandu jinforma lis-Sur Noel Bartolo li tali talba ma tistax tiġi milqugħa a bażi ta' deċiżjoni tal-Kabinett (38/2012).

## 35.4 RAPPORTI

35.4.1 Din il-materja ġiet diskussa wara materja nru 35.2.

## 35.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

35.5.1. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-ammont ta' siringi li qed ikun hemm fil-ġonna u madwar il-lokalita'. Huwa qal li l-kuntrattur tat-tindif tal-ġonna kien qed jieħu ħsieb li jiġbor dawk li jsib fil-ġonna u l-latrina iżda hu ma kellu l-ebda dmir jagħmel dan. Għalhekk huwa issuġġerixxa li jkun hemm iktar sorveljanza fuq iz-zoni l-iktar suxxettibbli.

35.5.1.1. Is-SE MLL qalet li waħda mil-problemi kienet li l-ġnien ma jissakkarx kollu u dik kienet waħda mir-raġunijiet li semmew il-Pulizija meta avviċinati rigward dan.

35.5.1.2. Is-Sindku DSH qalet li din ma kienitx skuża biex il-Pulizija ma jagħmlux ir-ronda tagħhom.

35.5.1.3. Il-Viċi Sindku VB qal li l-Pulizija kienu jafu liema partijiet kienu l-iktar suxxettibbli u għalhekk hemm bżonn li tiżdied ir-ronda f'dawn il-postijiet.

35.5.1.4. Għalhekk il-Kunsill qabel li jekk ma hemmx hemm biżżejjed riżorsi fl-Għassa tal-Belt, allura għandha tintalab laqgħa mal-Assistent Kummissarju Dennis Theuma sabiex tiġi ndirizzata din il-problema.

35.5.2. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-ammont ta' attivitajiet li nżammu fuq il-Fosos u issuġġerixxa li l-Kunsill jerġa' jqajjem naqra kuxjenza rigward il-ħarsien tal-Fosos li huwa wirt nazzjonali. Huwa qal li l-influss ta' attivitajiet kien ġab miegħu ammont kbir ta' vandaliżmu.

35.5.2.1. Is-Sindku DSH qalet li l-attivitajiet ma kienux bdew din is-sena iżda ilhom jinżammu ta' kull sena. Hija qalet li l-vandaliżmu ma kienx jiġi biss mill-attivitajiet iżda anke min-nies li jiffrekwentaw iż-żona ta' sikwit.

35.5.2.2. Il-Viċi Sindku VB ippropona li jittieħdu passi wara kull attività u mhux issa li għaddew l-attivitajiet.

35.5.2.3. Madankollu, il-Kunsillier JAE qal li hu ma jemminx li għandhom jittieħdu biss passi wara li l-ħsara tkun diġà saret u qal li jixtieq li l-Fosos jiġi apprezzat għall-wirt li hu. Huwa qal li kien id-dmir tal-Kunsill li jitlob li l-lokalita' tiġi apprezzata.

35.5.2.4. Għalhekk il-Kunsill qabel li minn Novembru li ġej għandu jieħu ħsieb jibda' jimxi bi proċedura differenti.

35.5.3. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-ilmenti ta' ħmieġ fi Triq Vilhena. Is-Sindku DSH qalet li għandha titwahhal tabella biex ma jintremiex skart fil-kantuniera. Is-Sindku DSH qalet ukoll li kienet ikkomunikat mas-Segretarju Parlamentari għall-Protezzjoni tal-Konsumatur u Valletta 2018 b'xi xogħol li kien hemm bżonn li jsir fl-inħawi u nformat lid x-xogħol mitlub kien sar f'qasir żmien.

35.5.4. Il-Kunsillier AGS għamel riferenza għaż-żona tal-Librerija Pubblika u qal li hemmhekk ukoll kien hemm bżonn li jsir it-tindif neċessarju speċjalment tal-*gutters*. Is-Sindku DSH qalet li din iż-żona kienet taqa' taħt il-Cleansing Department u li kienet diġà bagħtet email sabiex isir tindif taż-żoni li jaqgħu taħthom.

## 35.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sottokumitati;

35.6.1. Il-Viċi Sindku VB għamel riferenza għal-laqgħa tar-Regjun Xlokk li nżammet iktar kmieni dak ix-xahar fejn ġew diskussi il-fondi relatati max-xogħol tat-toroq. Huwa qal li waqt id-diskussjoni kien irriżulta li s-servizzi tal-Perit kienu ser jiġu jammontaw għal parti sostanzjali tal-fondi disponibbli. Għalhekk kien hemm ftehim li jintalab permess sabiex il-fondi oriġinarjament allokati għat-toroq ikunu jistgħu jintużaw għall-bankini. Il-Kunsill għalhekk qabel li għandu jistenna risposta rigward din it-talba.

## 35.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

35.7.1. Is-Sindku DSH ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 29/07 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

35.7.1.1. Is-Sindku DSH ipproponiet li jiżdied fuq l-iskeda tal-pagamenti il-pagamenti dovuti lil Sound Tech. Is-SE ipproponiet ukoll li jiġi inkluż pagament dovut lil WJA għall-ammont ta' €67 għat-tiswija tal-generators. Il-Kunsill qabel.

35.7.1.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku VB u ssekondata mill-Kunsillier JAE, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti imsemmija u l-proposti t'hawn fuq, bir-riżultat ikun favur nem con.

## 35.8 Mozzjonijiet;

35.8.1. Ma kien hemm l-ebda mozzjonijiet.

**35.9 OFFERTI PUBBLIĊI;**

35.9.1. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-offerta' tat-tindif tat-toroq u qalet li din l-offerta' għadha qed tiġi evalwata.

35.9.2. Is-Sindku DSH qalet li jrid jiġi appuntat bord tal-aġġudikazzjoni tas-sejħa għall-kwotazzjonijiet tal-photocopier. Il-Kunsill qabel li s-Sindku DSH tinħatar Chairperson u l-Viċi Sindku VB, Il-Kunsillier JAE u l-Kunsillier AD jinħatru membri tal-bord.

**35.10 KORRISPONDENZA**

35.10.1. **KORRISPONDENZA MINGĦAND LET'S DO MALTA**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand Let's do Malta fejn talbu l-kollaborazzjoni tal-Kunsill sabiex jagħmlu xi tindif madwar il-lokalita'. Wara li iddiskuta, il-Kunsill ma qabilx li għandu jipparteċipa minħabba li ma jistax jinvolvi l-għaqdiet lokali kif ukoll minħabba li din ser tinvolvi spiża għall-kiri ta' skips filwaqt li taħbat ma' attivitajiet oħra li l-Kunsill diġà għandu ippjanati.

35.10.2. **ĠIMGĦA EWROPEA TAL-MOBBILTÀ**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza rigward il-Ġimgħa Ewropea tal-Mobbiltà li ser tinżamm bejn is-16 u t-22 ta' Settembru 2017. Is-Sindku talbet lis-SE sabiex din l-email tiġi iċċirkolata lill-kunsillieri kollha. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li għandu jivverifika magħhom jekk hux ser jinżammu xi attivitajiet fi Triq Sant'Anna matul din il-ġimgħa u jekk le, il-Kunsill għandu jieħu ħsieb jara x'jista' jorganizza.

35.10.3. **ILMENT RIGWARD GWARDJAN LOKALI**

Is-Sindku DSH ressqet petizzjoni mingħand l-istaff tal-Floriana Health Centre fejn ilmentaw rigward gwardjan lokali li jħarrek b'mod li skont huma huwa irraġonevoli kif ukoll li jħarrek it-tobba li jkunu on call. Is-Sindku DSH qalet li tali ilmenti għandhom jgħaddu lil-LESA, l-entita' responsabbli mill-gwardjani lokali. Il-Kunsillier AGS qal li hemm diversi postijiet fil-Floriana fejn wieħed seta' jipparkja bi ħlas minimu u mingħajr problemi. Is-Sindku DSH qalet li kien hemm diversi entitajiet fil-Floriana li jagħtu servizz u li sta għal dawn l-entitajiet jekk għandhomx joffru alternattiva għall-impjegati tagħhom.

35.10.4. **PIGEON TRAPPING**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand Lawrence Formosa fejn informa li l-programm kien wieħed ta' suċċess u li kien għad hemm possibbiltà biex jinqabdu iktar ħamiem jekk il-Kunsill jiddeċiedi li jerġa' jidħol għal programm ieħor. Il-Kunsill qabel li huwa interessat sabiex jagħmel programm ieħor iżda ma qabilx li dan isir għalissa minħabba r-restrizzjonijiet finanzjarji tal-Kunsill. Fl-istess ħin, il-Kunsill għadu qed jistenna risposta mis-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali li kien ħabbar li ser jieħu passi u jgħin lil dawk il-kunsilli lokali li għandhom din il-problema.

35.10.5. **UNHCR**

Is-Sindku DSH għamlet riferenza għas-sitwazzjoni tal-UNHCR u nformat lill-Kunsill bil-korrispondenza riċevuta riċentement rigward il-kwistjoni ta' parkegg. Wara li l-Kunsill iddiskuta din it-talba, il-Kunsill qabel li għandu jsostni l-pożizzjoni tiegħu u ma jipprovdix iktar parkeġġi riservati

filwaqt li jippermetti lil din l-entita' li żżomm il-permess tal-parkeġġ residenzjali sad-data ta' meta jirrilokaw barra mill-Floriana.

35.10.6. **ĊIRKOLARI – KUMMISSJONI KONTRA L-VJOLENZA DOMESTIKA**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza rigward attivitajiet li ser jinżammu bil-ħsieb li jinħoloq għarfien kontra l-vjolenza domestika u offrew lill-Kunsill sabiex jipparteċipa. Il-Viċi Sindku VB ippropona li l-Kunsill jitlob li jinxtegħel Bieb il-Bombi. Il-Kunsill qabel mal-proposta u għalhekk qabel li għandu jissuġġerixxi li jinxtegħel Bieb il-Bombi għal din l-okkażjoni. Fl-istess ħin, il-Viċi Sindku VB ser jieħu sehem f'waħda mil-laqgħat li kienu ser jiġu organizzati.

35.10.7. **ĊIRKOLARI – COUPLE & SEX CLINIC**

Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill b'ċirkolati mibgħuta mill-Couple & Sex Clinic fejn informaw lill-Kunsill li joffru terapija lill-koppji ta' kull orjentazzjoni. Huma qalu li kienu qed joffru wkoll li jsiru taħditiet fil-kunsilli lokali interessati. Il-Kunsill qabel li għandu jirringrazzjahom tal-opportunita' iżda ma jaħsibx li jkun hemm attendenza għal dawn it-taħditiet.

35.10.8. **TIĠDID TAL-KUNTRATT TAL-CASH IN TRANSIT**

Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li kien wasal biex jiġġedded il-kuntratt tal-Cash in Transit. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u qabel li għandu jerġa' jiġġedded.

35.10.9. **KORRISPONDENZA MINGĦAND JOE CAMILLERI**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand Joe Camilleri li ressaq xi suġġerimenti sabiex tkompli tissaħħaħ il-festa ta' San Publju. Il-Kunsill qabel li għandu jirringrazzja lis-Sur Camilleri u li għandu jgħaddi l-punti mressqa minnu lill-Arċipriet tal-lokal kif ukoll lill-Grupp Ħidma San Publju. Is-Sindku DSH qalet li l-Kunsill għandu jinformah ukoll li l-għeluq tal-Festival ma jsirx dakinhar tal-festa minħabba d-dħul tal-vara.

35.10.10. **ASSOCJAZZJONI PUBLJU TA' MALTA**

Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill bil-korrispondenza mibgħuta mingħand l-Assocjazzjoni Publju ta' Malta. Il-Kunsill qabel li għandu jinformah li ser issir laqgħa biex jiġi diskuss dan.

35.10.11. **KORRISPONDENZA MINGĦAND GRUPP ĦIDMA SAN PUBLJU**

Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill b'korrispondenza mibgħuta mill-Grupp Ħidma San Publju fejn informaw li ser jorganizzaw attività nhar il-festa ta' Santa Marija fir-raħal taż-Żebbuġ, Għawdex. Huma offrew li din l-attività tittella' b'mod konġunt mal-Kunsill. Il-Kunsill ma qabilx li għandu jilqa' din it-talba minħabba li l-Kunsill ma kienx f'pożizzjoni li jorganizza iktar attivitajiet konġunti għalissa.

35.10.12. **KONT TAL-ELETTRIKU – TRIQ SANT'ANNA**

Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill bil-korrispondenza mibgħuta mill-Avukat tal-Kunsill lill-kumpanija ARMS fir-rigward tal-kont relatat mal-meter installat fi Triq Sant'Anna. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob rendikont tal-ammonti dovuti f'dawn l-aħħar ħames snin minħabba li hemm minnhom li ġew preskritti skont il-liġi.

35.10.13. **Korrispondenza mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali**

Is-Sindku ressqet ilment mgħoddi lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar il-ħmieġ li jitħalla minn dawk li jarmaw fuq il-monti nhar ta' Ħadd. Il-Kunsill qabel li għandu jinforma lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali li l-Kunsill ma kienx responsabbli miż-żona msemmija u għalhekk tali ilmenti għandhom jiġu mgħoddija lill-entita' responsabbli li hi l-Cleansing Department.

35.10.14. **Ittra ta' introduzzjoni mingħand is-Segretarju Parlamentari – l-Onor. Silvio Parnis**

Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill bl-ittra mibgħuta mis-Segretarju Parlamentari Silvio Parnis fejn irringrazzja lill-Kunsilli Lokali tal-ħidma tagħhom. Hija qalet li l-Onor. Parnis informa li kien ser jitlob laqgħa mal-Kunsill fil-jiem li ġejjin.

35.10.15. **Korrispondenza mingħand Christian Hotcroft**

Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill bil-korrispondenza mibgħuta fejn ġie suġġerit kif tinżamm iż-żona tal-cat cafe biswit il-HQ tal-Malta Scouts Association. Is-SE qalet li kienet qed tistenna risposta mingħand xi suppliers dwar kwotazzjonijiet għal cat cafés.

35.10.16. **Memento għal Comune di Macerata**

Is-Sindku DSH qalet li kellmet lis-Sur Publio Agius dwar il-possibbiltà li jinħadem memento sabiex jiġi preżentat lil Comune di Macerata fiż-żjara li ser ikun hemm dalwaqt. Is-Sindku DSH qalet li kienet ġiet ssuġġerita pittura tal-funtana tal-Iljun li ser tammonta għal €120. Il-Kunsill qabel li għandu jipproċedi.

35.10.17. **Korrispondenza mingħand il-Grand Hotel Excelsior**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand il-Health & Safety Officer tal-Grand Hotel Excelsior fejn ressaq xi suġġerimenti sabiex tiżdied is-sigurtà għar-residenti tal-lukanda fosthom li ssir zebra crossing fil-viċin li tista' tintuża mit-turisti li jkunu jixtiequ jmorru l-Belt Valletta. Il-Kunsill qabel li għandu jwieġeb u jinformah li din il-proposta trid tiġi mressqa lil Transport Malta li hija l-entita' responsabbli. Fl-istess waqt għandha ssir talba formali lill-Transport Malta.

35.10.18. **Indafa fil-Floriana**

Is-Sindku DSH qalet li qed tipproponi li tintbagħat ċirkolari rigward il-ħinijiet tal-ġabra ta' skart. Hija qalet ukoll li hemm bżonn li jiġi mfakkar li l-iskart ma jistax jinħareġ qabel jew wara l-ħinijiet tal-ġabra. Il-Kunsill qabel.

Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-ġabra ta' skart goff u qalet li riċentement kienet ġiet informata li l-ġabra kienet qed issir il-ġimgħa filgħaxija minflok is-Sibt filgħodu. Hija qalet li kienet tkellmet mal-kuntrattur u ġibditlu l-attenzjoni għal dan in-nuqqas. Hija qalet ukoll li kienet tat struzzjoni lill-istaff sabiex il-lista tal-iskart goff ma tintbagħatx lill-kuntrattur qabel il-ġurnata tal-ġabra.

Is-Sindku DSH qalet li kien hemm bżonn li jinħaslu xi wħud mit-toroq bħalma jsir ta' kull sena. Il-Kunsill qabel li l-ħasil għandu jibda is-Sibt ta' wara sabiex tittaffa ftit mil-problema tal-ħmieġ tal-ħamiem.

35.10.19. **Korrispondenza mingħand l-Ambaxxatur għat-Turkija**

Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill bil-korrispondenza mibgħuta mill-Ambaxxatur għat-Turkija fejn ippropona li tiġi eretta skultura fi Ġnien Preziosi, quddiem l-Ambaxxata li tkun ikkummissjonata lil skultur Malti. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni bil-kundizzjoni li tali proġett ikun iffinanzjat kompletament mill-Ambaxxata għat-Turkija. Il-Kunsill talab li preferibbilment issir wara kompetizzjoni u/jew ukoll minn artisti Furjaniż. Il-mudell għandu jkun approvat mill-Kunsill qabel jiġi kkummissjonat.

35.11 **Zebra Crossing Triq il-Mall**

35.11.1. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill b'talba minn resident sabiex issir zebra crossing fi Triq il-Konservatorju c/w Triq il-Mall. Wara li iddiskuta din it-talba, il-Kunsill ma ħassx li hemm il-bżonn ta' zebra crossing fejn suġġerit. Ġie rimarkat ukoll li kienu jintilfu numri ta' spazji ta' parkeġġ u li din kienet żona fejn karozzi ma setgħux jgħaddu b'ċerta veloċita'. Għalhekk il-Kunsill iddeċieda li ma jilqax din it-talba.

**35.12** **Tabella Triq San Kalċidonju**

35.12.1. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill bit-talba li titwahhal tabella sabiex il-karozzi jipparkjaw wiċċhom 'il ġewwa fi Triq San Kalċidonju. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

**35.13** **Isle of MTV**

35.13.1. Is-Sindku DSH qalet li tinsab kuntenta fir-rigward tat-tindif li sar wara l-kunċert iżda kienet iddiżappuntata a kwantu tal-mod kif ġie organizzat it-traffiku u t-tneħħija tal-vetturi mit-toroq dakinhar tal-kunċert.

35.13.2. Il-Viċi Sindku VB staqsa għalfejn ma kienitx intbagħtet ċirkolari lir-residenti dwar l-għeluq tat-toroq. Is-Sindku DSH informat li l-Kunsill kien ġie informat biss il-Ġimgħa mill-organizzaturi tal-kunċert u għalhekk ma kienx hemm biżżejjed ħin sabiex jiġu pprintjati u mqassma iċ-ċirkolarijiet fid-djar tar-residenti.

35.13.3. Is-Sindku DSH qalet li għas-sena d-dieħla għandu jkun hemm iktar diskussjonijiet mal-Pulizija dwar l-għeluq tat-toroq u dan sabiex jiġu evitati l-problemi.

35.13.4. Is-SE MLL informat lill-Kunsill bit-talba li kien ressaq il-Kunsill lill-organizzaturi biex ir-residenti jingħataw permessi biex ikunu jistgħu jipparkjaw fil-carpark liema talba ġiet rifjutata minħabba spejjeż.

**35.14** **Ġenna ta' Ġonna**

35.14.1. Is-Sindku DSH qalet li għandha tinżamm laqgħa mal-għaqdiet rigward Ġenna ta' Ġonna nhar it-2 t'Awwissu 2017 fil-5pm.

35.14.2. Is-SE MLL talbet li għandhom jintalbu kwotazzjonijiet għal kull attivita' proposta mill-għaqdiet.

**35.15 UN LOADING BAY TAL-MALTAPOST**

35.15.1. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għal talba għal un loading bay li ġiet diskussa preċedentement. Is-SE informat li l-uffiċċju kien talab kjarifika dwar il-post fejn qed issir it-talba iżda baqgħet ma rċevietx risposta. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jintbagħat reminder lil Transport Malta.

**35.16 LAQGĦA MA' LESA**

35.16.1. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill bil-laqgħa li nżammet ma' Raymond Vella, ir-rappreżentant 'il ġdid tal-LESA. Hija qalet li kienu iddiskutew is-sitwazzjoni tal-gwardjani lokali fil-lokalita'.

35.16.2. Is-Sindku DSH qalet li s-Sur Vella kien talab li l-Kunsill jgħaddilu l-lista ta' permessi tax-xogħolijiet maħruġa kuljum sabiex il-gwardjani lokali jkunu jistgħu jagħmlu xogħolhom sewwa u jiċċekkjaw il-makkinarju fit-toroq.

35.16.3. Is-Sindku qalet li ser tagħti ftit ċans sabiex tara jekk is-sitwazzjoni titjiebx qabel ma titlob laqgħa oħra.

**35.17 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS.**

35.17.1. Il-laqgħa intemmet fil-4.50pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 24 ta' Awwissu 2017 fis-2.00pm.

**Konfermati, illum ____________________________________**

Davina Sammut Hili
Sindku

M'Lourdes Lautier
Segretarju Eżekuttiv